MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 619/2013

**Millennium Insurance Agency Ltdd C23927**

**vs**

1. **Sovereign Hotels Limited**
2. **Global Capital Insurance Brokers Limited**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-Socjeta' Attrici qed titlob minghand is-Socjetajiet Konvenuti l-hlas ta' elfejn, seba mija, hamsa u tletin Ewro tmienja u ghoxrin centezmi (€2,735.28c) hlas ta' premium rigwardanti polza ta' assikurazzjoni (*industrial plan nru P2002716*) mahruga fuq talba tas-Socjeta' Konvenuta Sovreign Hotels Ltd *tramite* Global Campital Insurance Brokers Ltd.

Ghal dan wiegbu separatament iz-zewg Socjetajiet Konvenuti u eccipew:-

A Global Capital Insurance Brokers Ltd

1. Mhiex il-legittmu kontradittur ghax agixxiet biss ta' *broker*.
2. L-ammont mitlub hu se mai dovut mis-Socjeta' Konvenuta l-ohra.

3. Jekk is-Socjeta’ Attrici tircievi hlas tkun trid thallas dak dovut lis-Socjeta’ eccipjenti bhala *broker* (dritt riservat).

B Sovreign Hotels Ltd

1. Is-Socjeta’ Attrici mhiex legittmu kontradittur ghax hi kkontrattat biss mas-Socjeta’ Konvenuta l-ohra.
2. Il-Kumpanija eccipjenti mhiex debitrici kif allegat.
3. Il-Kumanija Assikuratrici ghandha tressaq provi tal-assikurazzjoni u l-valur tal-premium skond art 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta

II PROVI

1. Dawn huma siltiet mill-provi li jitqiesu fuq dak kollu li hemm fil-process fosthom dokumenti esibiti.

2. **Sharon Zammit**, *Claims Handler* mas-Socjeta’ Attrici, tiehu hsieb l-*accounts*. Fil-kaz prezenti harget polza permezz ta’ broker, is-Socjeta’ Konventa Global. Thallsu l-ewwel zewg *installments* izda tat-tielet le. Fir-rigward esibiet id-Dok Z1 sa 5. Dok Z5 hu l-ammont mitlub minghajr il-kummissjoni lill-broker.

3. **Chris Grech** kien jahdem ma Global bhala *insurance broker*. Kien avvicinat mis-Socjeta’ Attrici biex tigi assikurati l-propjeta’ tas-Socjeta konvenuta Sovreign Hotels Ltd u hu ghamel l-arrangamenti mehtiega. Jaf li kienu saru pagamenti u kien baqa xi haga dovuta. S’hemm jaf ghax m’ghadux impjegat fejn kien. Kien baghat xi *reminder* lis-Sur Azzopardi tas-Socjeta’ albergjera.

4. **Ronald Azzopardi**, Managing Director tas-Sovreign Hotels Ltd. qal li s-Socjeta’ ghandha polza ta’ assigurazzjoni dwar Windsor Hotel, Windsor Terrace izda qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-Socjeta’ Attrici.

5. Irrifera ghad-Dok Z1 *a fol* 17 u spjega liema mill-propjetajiet imsemmija kienu tas-Sovreign. Hu, izda hu direttur tal-kumpaniji l-ohra tal-propjetajiet imemmija li qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-Socjeta’ Attrici. dwar il-*policies* gieli tkellem mas-Socjeta’ Global, ma jiftakarx ma min.

6. In kontro-ezami qal li jaf li dwar il-kumpaniji l-ohra hemm polza izda ma jafx minn min harget. Spicca jghid hekk:-

   *Ma nahsibx li harget polza wahda peress li huma kollha propjetajiet ta’ natura differenti. Ma niftakarx x’dokumentazzjoni li stajt ircevejt minghand il-Global Capital rigwardanti l-polza ta’ assikurazzjoni.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jghid mill-ewwel li mpressjona ruhu sfavorevolment bix-xhieda ta’ Ronald Azzopardi, l-uniku xhud imressaq mis-Socjeta’ Konvenuta albergjera u dan xehed b’mod incert ghall-ahhar minkejja li hu l-Managing

Director ta' din il-Kumpanija u hu wkoll direttur tal-kumpaniji l-ohra kollha li jissemmew fid-Dok Z1.

2. L-istess R. Azzopardi ma qal xejn ghala zewg premiums thallsu bla nkwiet ta' xejn mentri l-oggezzjoni ta' nuqqas ta' rabta guridika tqajjemt meta s-Sovreign waqghet lura fil-hlas. Dan il-Managing Director anqas sata jispjega x'poloz differenti setghu hargu dwar il-propjeta' assikurata skond Dok Z1 – is-*Schedule Lloyds Industrial Insurance Certificate!*

3. It-TRIBUNAL isib accettabbli u rassikuranti x-xhieda ta' Sharon Zammit u Chris Grech ghas-Socjeta' Attrici in sostenn tat-TALBA fl-Avviz. Skond Sharon Zammit, il-*quantum* mitlub m'hemmx fih il-kummissjoni lil Globe.

4. Hawn jigi wkoll carat, li f'dan in-negozju ta' assikurazzjoni, s-Socjeta' Konvenuta Global kienet biss broker u ghalhekk id-dejn hu tas-Socjeta' Albergjera versu s-Socjeta' Attrici. Fic-cirkostanzi izda, meqjus l-atteggjament tas-Socjeta' Albergjera wiehed jifhem ghala s-Socjeta' Attrici interpellat liz-zewg Socjetajiet Konvenuti

IV DECIZJONI

Wara li fela l-provi u qies is-sottomissjonijiet tad-difensuri t-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Konvenuta Global Capital Insurance Brokers Limited (2) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-Socjeta' konvenuta Sovreign Hotels Limited u **jikkundannaha** thallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* mitlub ta' elfejn, seba mija, hamsa u tletin Ewro tmienja u ghoxrin centezmi (€2,735.28c) u dana bl-imghax kif mitlub u (3) **jikkundanna** lill-istess Sovreign Hotels Limited biex thallas l-ispejjes kollha tal-kawza anke dawk tas-Socjeta' Konvenuta l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------